MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 611/1995/2

***Norbert Farrugia***
***Vs***
***John Farrugia u Pawla Farrugia, mizzewgin flimkien***

Illum 13 ta’ Marzu 2003

Il-Qorti,

Illi b’ att ta’citazzjoni l-attur, wara li **ppremetta**: illi l-konvenut ikkawza danni inkluzi feriti u debitlita’ u inkapacita’ ta’ natura permanenti lill-attur meta ferieh b’ tir ta’ senter f’ incident li gara fis-Siggiewi fit-23 ta’ Ottubru 1994; illi l-konvenut gie inutilment interpellat jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni; **talab** li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

**1.**Tiddikjara illi in konsegwenza ta' l-incident ta' tir ta' senter li gara fis-Siggiewi fit-23 ta' Ottubru 1994, il-konvenut ikkawza danni lill-attur;
**2.** Tillikwida d-danni hekk kawzati;
**3.**Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.  Il-konvenut ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li bihom eccepew:
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda.
2.  Illi in kwantu ghal konvenuta Pawla Farrugia ghandu jigi rilevat illi dina l-anqas kienet prezenti ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk ma tistax tigi ritenuta b' xi mod responsabbli.
3. Illi l-konvenut farrugia m' huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni in kwantu dan gie kagunat minhabba agir ta' certu Francis Aquilina.
4. Illi f' kull ma jirrizultax illi l-konvendut isofri minn disabilita' permanenti – Salv eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Rat li fis-7 ta' Jannar 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-kumpless tal-provi rrizultaw sodisfacentement provati s-segwenti fatti.  Fit-23 ta' Ottubru 1994 gewwa s-

Siggiewi ghal habta tas-2.00 pm meta l-attur kien rieqed fid-dar tieghu, sema' hoss u kif mar jittwwal lemah karrozza, li fiha kien hemm certu Francis Aquilina, mahbuta go karrozza ipparkajata. Dana hareg biex jghin lil dan Aquilina li sa dan ittant kienu diga' harguh mill-karrozza u kien tpogga bil-qiegheda fuq siggu. Wara xi hmistax il-minuta tfaccaw ulied il-konvenut, Michael u Nicholas. Dawna, fost kliem hazin u dagha, bdew jisfidaw lill-imsemmi Francis Aquilina ghal glied. Dan minn naha tieghu rreagixxa billi ried imur ghalihom izda l-attur, b' tentattiv biex izomm il-kalma, beda jzommu. Wara ftit tfacca missierhom. il-konvenut, u *"rajtu bis-senter f' idejh u dagha u storbju minn naha tieghu u anke uliedu komplew" (fol.81).* F' daqqa wahda, waqt li l-attur kien wiccu lejn Francis Aquilina izommu u jipprova jipperswadih biex ma jghatix kashom, il-konvenut spara tiri ta' senter u laqat lill-attur fuq drieghu lemini. Dak il-hin Nicholas Farrugia qal lill missieru *"tieh iehor talli qieghed fin-nofs." (fols.81)*

Illi dan l-incident kien segwitu ta' incident iehor li kien nqala' ftit tal-hin qabel meta l-imsemmi Francis Aquilina kien tela' ghall-konvenut li kien qieghed bilqiegheda go karrozza tal-linja u tah xeba ponn. Il-konvenut irnexxielu jizgicca u mar id-dar. Kif kien qed jistrih fuq is-sodda gew uliedu, l-imsemmija Michael u Nicholas, u meta dawna raw lil missihom f' dak l-istat u semghu r-rakkont ta' missierhom, huma marru fuq il-post fejn kien hemm Francis Aquilina u nqala' l-incident fuq spjegat.

Illi rizultat tal-ferita li garrab l-attur f' dan l-incident huwa sofra dizabilita' permanenti ta' erba fil-mija (4%).[1]

***Responsabbilita'***

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ghad-danni rizultanti minn azzjoni ta' natura delittwuza da parti tal-konvenut John Farrugia. In materja, l-Artikolu 1031 tal-Kap.16 jiddisponi li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigi bi htija taghha; u l-Artikolu 1032(1) jkompli jispjega li "Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".

[1] Relazzjoni peritali fol.75

Illi fil-kaz in disamina d-danni li sofra l-attur, waqt li kien qed jipprova jikkalma sitwazzjoni ta' glied, kienu rizultat tal-azzjoni tal-konvenut meta dana spara tir ta' senter fid-direzzjoni ta' Francis Aquilina u laqat fi drieghu, lill-attur li dak il-hin kien quddiem l-istess Francis Aquilina qed jipprova jikkalmah. Dawn il-fatti ma humiex konstestati u huma sahansitra ammessi mill-istess konvenut. Fi kliemu stess: *"Jien semplicement sparajt (biex imbezza, u mhux ghal go fihom) u lqatt lill-attur.* ***Dak il-hin l-attur kien b' dahru lejja jzomm lil Cikku*** *– u allura kienu sider ma sider"(fol.99).*

Illi f' dawn ic-cirkostanzi zgur ma jistax jinghad li l-konvenut kien qed jagixxi ta' *bonus pater familias* meta spara s-senter, anke jekk kif sostna hu biex ibezza', fit-triq (u allura defenittament kontra r-regolamenti) u vicin tan-nies bir-rizultat li laqat kemm lill-attur kif ukoll lill-imsemmi Cikku Aquilina. Zgur ma jistax jargumenta li bl-azzjoni tieghu huwa kien qed jagixxi bi prudenza, diligenza jew hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut, permezz tal-abbli difensur tieghu, pprova jakkampa mad-difisa kemm tal-provokazzjoni kif ukoll tal-legittima difesa. Il-konvenut qed isostni li l-incident li wassal ghal dawn il-proceduri kien gie pprovokat minn Francis sive Cikku Aquilina meta dana aggredih fuq ix-xarabank u sawtu, u ghalhekk id-danni sofferti fil-glieda ghandu jirrispondi ghalihom l-istess Francis Aquilina bhala *"l-provokatur ta' dan kollu (fol.122).* Rigward, l-kawza prossima tal-ferita li garrab l-attur, u cioe' meta l-konvenut qabad is-senter u spara fid-direzzjoni tieghu u Francis Aquilina, il-konvenut fin-nota tieghu jghid hekk: *"huwa (il-konvenut) ma kellux xelta ohra hlief li jiehu s-senter ta' ibnu, li kien mal-hajt, u jaghti sparatura biex ibezzghu (lil Francis Aquilina) milli jkompli javvanza."(fol.126).*

Illi in propositu u fl-ewwel lok din il-Qorti tirriferi ghall-insenjament tal-Onor.Qorti tal-Appell Civili li hu fis-sens li *"Danni kkagunati fi glieda ma humiex danni konttrattwali, u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali ghal*

*azzjoni kriminuza vera u propria, u ghalhekk* ***japplikaw il-principji tad-dritt penali****"* [2]

Illi fit-tieni lok il-Qorti tirrileva li ma hemmx lok ghal ko-esistenza  ta' zewg linji difensjonali bazati fuq il-kuncetti ta' provokazzjoni u ta' legittima difesa, meta si tratta ta' incident wiehed, stante li, filwaqt li l-provokazzjoni hija bazata fuq il-*calor rixae* u menomazzjoni tal-kapacitajiet intellettwali u volutivi tal-agent, in-nozzjoni ta' legittima difesa hija bazata fuq l-inevitabbilita' tal-azzjoni li l-agent, ikun kostrett li jghamel f' sitwazzjoni fejn isib ma wiccu aggressjoni gravi u ngusta.

Issa fil-kaz in disamina mhux korrett li jinghad li kien Francis Aquilina li pprovoka l-glieda, ghax ghalkemm dana kien sawwat lill-konvenut, kien hemm <u>spazju ta' zmien</u> bejn din l-aggressjoni u l-aggressjoni fuq Francis Aquilina.  Di fatti l-konvenut kien lahaq mar id-dar u strah fuq is-sodda.  Kien s<u>ussegwentement</u> gew it-tfal tieghu u, <u>wara li rrakontalhom</u> x' kien gara, dawna marru jfittxu lil Aquilina,  u kien <u>sussegwentement</u> li l-konvenut mar wara t-tfal.  Dan l-ispazju ta' zmien idaghjjef serjament it-tesi tal-provokazzjoni invokata mill-konvenut, stante li kien hemm hin sufficjenti sabiex il-konvenut jahseb u jirrifletti fuq l-akkadut, liema intervall ta' hin jinnewtalizza l-ingredjent tar-*raptus* li jirrendi lill-agent inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu.

Illi rigward it-tesi tal-legittima difesa, il-Qorti tosserva li anki din hija serjament monka fic-cirkostanzi tal-kaz.  Mill-provi jirrizulta li meta ulied il-konvenut waslu fuq il-post u anke meta wasal il-konvenut, dawna ilkoll bdew jisfidaw lill-Francis Aquilina ghal glied, li minn naha tieghu rreagixxa billi rreciproca d-diskors ta' sfida u qam minn postu f' liema hin intervjena l-attur u pprova jzommu milli jmur fid-direzzjoni taghhom.  Fi kliem Joseph Camilleri, xhud okulari mhux involut: *"Cikku u l-ohrajn (inkluz il-konvenut) bdew jghidu "ejja" lil xulxin, Cikku qam biex imur ghalihom"(fol.84)*;  u fi kliem Tony Borg, xhud okulari

---

[2] ***Franceso Gauci v Salvatore Gauci*** *(1956 – Vol.XLB pg.376).*

iehor wkoll mhux involut: *"Cikku u t-tlieta l-ohra (inkluz il-konvenut) bdew jisfidaw lil xulxin" (ibid)*. Il-Qorti tosserva li min jisfida ghal glied ma jistax jakkampa mal-legittima difesa jekk imbaghad s-sitwazzjoni tipprecipita f' incident serju bhal dak in disamina. Certament f' dawn ic-cirkostanzi jonqsu l-elementi kollha tal-legittima difesa, b' mod partikolari dak tal-inevitabbilita'. Inoltre, ma jistax jigi njorat il-fatt li filwaqt li Francis Aquilina kien wahdu, il-konvenut kien mat-tlett uliedu, li ma tantx qadu lura fl-incident, u kien hemm wkoll l-attur, b' intenzjonijiet tajba, qed izomm lill-istess Aquilina. Allura xi bzonn kellu l-konvenut li jispara biex ibezza'?

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi rrizulta car li l-azzjoni tal-konvenut meta spara is-senter ma kienitx stimulata minn necessita' li jiddefendi lilu nnifsu jew lit-tfal tieghu, imma kienet azzjoni arbitrarja u tal-mument da parti tieghu. Kienet ghazla li ghamel hu f' dak il-mument u li jrid jirrispondi civilment ghad-dannu li ghamel lill-attur b'dik l-azzjoni. L-attur minn naha tieghu ma jista' jinghata ebda tort ghal dak li gara. Huwa safa vittma ta' att ta' vjolenza pratikat mill-konvenut meta dana bla ebda htiega spara fid-direzzjoni tieghu.

***Eccezzjonijiet***

Illi ghall-ragunijiet premessi kemm l-ewwel u kemm it-tielet eccezzjonijiet huma infondati u ghalhekk qed jigu respinti.
I

Illi rigward it-tieni eccezzjoni dik li tirrigwarda lill-konvenuta Pawla Farrugia, il-Qorti tosserva li din hija valida u timmerita li tigi milqugha, u dan ghar-ragunijiet esposti fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnu u senjatament il-paragrafu A.1(fol.120). Din il-konvenuta ma kienet bl-eda mod involuta fl-incident, u inoltre l-Artikolu 1372(d) Kap.16 jeskludi espressament mid-djun tal-komunjoni tal-akkwisti *"l-indenniz dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda".* Ghaldaqstant din il-konvenut ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-ahhar u r-raba eccezzjoni tal-konvenuti hi fis-sens li l-attur *"ma jsofrix minn disabilita' permanenti rizultat tal-*

*incident"*. Illi din l-eccezzjoni tinsab newtalizzata mir-rapport mediku prezentat a fol.76 *et seq*. tal-process, fejn l-espert tal-Qorti Mr.Frederick Zammit Maempel ikkonkluda li *"Farrugia (l-attur) ghandu dizabilita' permanenti ta' erba fil-mija (4%) bhala rizultat tal-incident (de quo)"* Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma gab ebda prova biex jipprova jikkonfuta din il-konkluzjoni; anzi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa iddefenda din il-konkluzjoni kontra l-kontestazzjoni, tal-percentagg tad-disabilita' da parti, mghaamula mill-attur, u validament argumenta li din il-Qorti ghandha tistrieh fuq ir-rapport tal-espert mahtur minnha u li huwa ortopedista u li r-rapport tieghu huwa bazat fuq ezami tal-attur li sar fil-17 ta' Jannar 1997 (u ghalhekk aktar ricenti minn dak mghamul minn Dr.Emanuel Briffa); u inoltre, l-attur ma usufruwiex mill-opportunita' li kellu that il-ligi li jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali.

Ghaldaqstant ir-rapport tal-espert mediku qed jigi addottat *in toto* minn din il-Qorti bhala bazi ghall-likiwdazzjoni tad-danni.

***Likwidazzjoni tad-danni***

Stabbilit li l-incident meritu tal-kawza odjern sehh unikament tort tal-konvenut, issa l-Qorti ser tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni konsistenti kemm f' damnum emergens, kif ukoll f' lucrum cessans. Illi f' dan ir-rigward il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tar-rapport peritali dwar dan l-aspett u, filwaqt li tiddikjara li tikkondividi pienament il-konkluzjonijiet hemm raggjunti, partikolarment fil-paragrafi 31 sa 38 a fols.73 u 74, u wara li rat id-dokumenti annessi, taddottahom fl-intier taghhom b' mod li jifformaw parti integrali minn dan il-gudizzjju.

*Damnum emergens*

Illi mill-provi jirrizulta li d-danni emergenti li sofra l-attur kawza ta' l-incident in disamina jammontaw ghas-somma komplessiva ta' *sitt mija u hamsin lira maltin tnejn u ghoxrin centezmu **(LM650.22)***, rapprezentanti telf ta' paga ghal certu perijodu, kif ukoll spejjez ta' kura u ta' medicini.

*Lucrum cessans*
Illi fatturi relevanti ghal dan l-aspett huma l-eta' tal-vittma u l-kondizzjoni ta' sahha tieghu; u jekk l-inkapacita' li sofra kienitx kagun ta' telf ta' qligh ghalih fil-futur, u huwa f' kaz affermattiv li jirid jigi stabbilit il-quantum ta' dan il-*lucrum cessans*. Kif osservat din il-Qorti f' kazijiet precedenti :

"Din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghar mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz."[3].

Illi fil-kaz in disamina rrizulta li l-vittma kellha 24 sena fiz-zmien tal-incident, sofra disabbilita' permanenti ta' 4% rizultat tal-istess, irrizulta li kellu, u ghad ghandu, impieg fis u jaghmel xoghol regolari u li ghandu aspettattiva lavorativa ta' numru sostanzjali ta' sninu quddiemu. Rrizulta wkoll li d-disabbilita' permanenti li sofra l-attur dan kien ser isofri telf ta' qligh.

Rigward dan it-telf ta' qligh futur il-Qorti, wara ezami tal-provi u l-aspetti kollha tal-kaz, waslet ghal konkluzjoni li tikkondividi l-konkluzzjonijet raggjunti mill-perit legali. Hija taqbel li l-*multiplicand* ghandu jkun ta' *sitt elef u tlett mitt lira maltin* ***(LM6,300)*** bazat fuq il-paga tal-attur ghas-snin mis-sena 1993 sas-sena 1999 bhala media gusta li la taggrava izzejjed lill-danneggjant u lanqas thalli nieqes lid-danneggjat. Anki l-multiplier ta' **30** huwa gust fic-cirkostanzi, avut rigward li l-attur fid-data tal-incident kellu

[3] *Prim Awla – **Carmelo Muscat v Francis Schembri et** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)*

24 sena u wkoll ghall-konsiderazzjoni tal-aspettattiva tal-hajja lavorativa li ghandu quddiemu.[4]

Illi il-premess, konsidrat fil-kuntest tad-disabilita' ta' 4%, iwassal ghal figura ta' *seba telef hames mija u sittin lira maltin* ***(Lm7560)****:* 4% (Lm6,300 x 30).

Illi in kwantu ghal *lump sum payment reduction*, il-Qorti wara hadet in konsiderazzjoni: it-trapass taz-zmien mid-data tal-incident sad-data tas-sentenza; it-trapass taz-zmien mid-data tal-incident sad-data tal-presentata tac-citazzjoni; it-trapass ta' zmien sakemm l-atturi kkonkludew il-provi taghhom; hija tal-fehma li l-konkluzjoni tal-perit legali a fol.37 hija ekwa fic-cirkostanzi tal-kaz. Ghaldaqstant fil-kaz ta' *lump sum payment* l-imsemmi ammont ta' LM7,560 ghandu jonqos bil-**hnistax fil-mija (15%).** Dan iwassal ghas-somma konklusiva, bhala danni *lucrum cessans*, ta' *sitt elef erba mija sitta u ghoxrin lira maltin* ***(LM6,426)***

Illi in vista tal-premssi konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet, id-danni komplessivi kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* dovuti lill-attur huma likwidati fis-somma komplessiva ta' LM7,076.22 arrotonditi ghal ***sebat elef u sitta u sebghin lira maltin (Lm7,076)***: Lm650.22 + Lm6,426.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi taqta l-kawza billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Pawla Farrugia u tilliberaha mill-osservanza ta' dan il-gudizzju; u, previa rigett tal-ewwel, tielet u raba eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut John Farrugia responsabbli ghall-incident li sehh fit-23 ta' Otturbu 1994 fis-Siggiewi ghad-dannu tal-attur; tillikwida d-danni sofferiti mill-attur rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' ***sebat elef u sitta u sebghin lira maltin (Lm7,076)***; u tikkundanna lill-istess

[4] *(vide. PA.Susan davies v Anthony Galea 10.10.97; App.Sup.Joseph Attard v Carmelo d' Amato 22.10.2002; PA. Joseph Pace et v Enemalta Corporation et. 23.01.2003).*

konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ LM7,076, flimkien mal-ispejjez, tal-kawza inkluzi l-imghax legali, mid-data ta’ dan il-gudizzju.

--------------------------------TMIEM--------------------------------